MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 311/2007

**Talba Nru: 311/07VGD**

Pool & Spa Supplies Limited. (C9735)

Vs

Jean Paul Mifsud

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u erba u sittin lira Maltin, (Lm264), rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet u materjal maghmula u kkonsenjati lilu mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu stess, u ghalkemm interpellat diversi drabi ghall-hlas, inkluz b'ittra ufficcjali

tal-15 ta' Frar 2007, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-imghax u bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15 ta' Frar 2007, kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u erba u sittin lira Maltin (Lm264.00c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------